sem&u

Marzu 2016
Ħarġa nru 2

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479
Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt



# "Iżda sibt il-ħniena!"

"Sibt il-ħniena" (1 Tim 1:13) – huma dawn il-kelmiet li jilqgħu lis-seminarista kull meta jidħol fil-kappella tas-Seminarju u jsellmulu hu u ħiereġ; huma kelmiet miktuba fuq kopja tal-logo ta' din is-Sena Mqaddsa mpittra minn wieħed mis-seminaristi. L-istqarrija tal-Appostlu Missierna San Pawl tfakkarna li kull esperjenza ta' vokazzjoni hija fl-istess waqt esperjenza tal-imħabba ħanina tal-Missier li tilma fi Kristu, il-*Wiċċ tal-Ħniena*.

Matul din is-sena fis-Seminarju qegħdin nippruvaw nidħlu aktar fil-fond ta' din l-esperjenza tal-ħniena tal-Missier li tgħin lis-seminarista jifforma l-qalb tiegħu f'dik ta' *ministru tal-ħniena*. Hu importanti li s-seminarista jgħix ħajtu bħala tweġiba ta' radd il-ħajr lill-Mulej "għax għal dejjem hi l-ħniena tiegħu" (ara Salm 136 [135])! Għaldaqstant, kull aspett tal-formazzjoni għandu jiġi mdawwal minn din l-esperjenza tal-ħniena tal-Missier.

Sabiex dan ikun tassew Ġublew *straordinarju*, kull Nisrani għandu matul din is-Sena jħares lejh innifsu u jistqarr li f'ħajtu *sab il-ħniena*. Ikun ta' fejda jekk matul din is-sena ta' grazzja lkoll kemm aħna nieqfu ftit u nippruvaw niftakru f'dawk il-mumenti meta doqna l-ħniena ta' Alla, meta hu għannaqna miegħu, tana l-bewsa tal-maħfra u tal-ħajja mġedda, u daħħalna għall-festa (ara Lq 15:11-32). Hija din l-esperjenza li aħna bħala dixxipli-missjunarji msejħa nxandru lill-bniedem ta' żmienna: li b'ħajjitna nistqarru: "Sibt il-ħniena". Huwa għalhekk li s-seminarista jrid jaħdem fuqu nnifsu, fuq l-umanità tiegħu sabiex *jagħraf lilu nnifsu* bħala *iben maħbub u maħfur* u l-istorja tiegħu bħala waħda ta' *ħniena, fejqan u salvazzjoni*.

Biss l-esperjenza tal-ħniena mhijiex ta' darba. Aħna dejjem *tallaba* tal-ħniena u huwa biss jekk nibqgħu tallaba li nistgħu wkoll inkunu *xandara awtentiċi* tagħha! Għalhekk matul dan iż-żmien ilkoll għandna nerġgħu nagħtu post importanti lill-*eżami tal-kuxjenza ta' kuljum*. Hu fid-dawl ta' Kristu Rxoxt, tal-pjagi tiegħu li jsiru sinjal tal-fejqan ta' dnubietna (ara 1 Piet 2:24), li aħna nistgħu naslu biex *nersqu* lejn il-Missier u nħalluh iħabbibna miegħu fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Il-mumenti tal-irtir u tal-*half day of recollection* ta' darba fix-xahar u waqtiet bħal dawn għandhom l-iskop li jgħinu lis-seminarista jgħarbel lilu nnifsu fid-dawl ta' Alla "twajjeb u ħanin" (Salm 145:8) u jgħix is-Sagrament tal-Qrar bħala esperjenza ta' ħniena.

Il-Ġublew qed ikun okkażjoni biex ilkoll nitfgħu l-attenzjoni tagħna fuq l-*opri tal-ħniena*. Hawn tajjeb jissemma l-fatt li aktar mill-*opri tal-ħniena* li jagħmlu s-seminaristi, hemm il-*ħniena* li tintwera mill-bosta benefatturi li fis-satra jgħinu ta' kuljum lis-Seminarju bl-għotijiet ta' prodotti tar-raba', bl-offerti u l-boroż ta' studju, u bl-offerta tat-tbatija u tat-talb tagħhom. Għalkemm il-komunità tas-Seminarju hija waħda ċkejkna, il-"familja" tas-Seminarju hija tabilħaqq kbira. Minn hawn xieraq nirringrazzjaw lill-bosta benefatturi li huma għalina *xhieda* tal-ħniena tal-Missier. Għalina intom ilkoll mudell ta' xi jfisser *inħennu bħall-Missier* u ngħixu l-opri tal-ħniena. Intom tgħinu lis-saċerdoti ta' għada sabiex jikbru fis-sens tal-*gratitudni ħanina*.

Jalla f'dan iż-żmien ta' grazzja lkoll niltaqgħu mal-Ħniena tal-Missier!

**Dun Richard N. Farrugia**
Viċi Rettur tas-Seminarju

Il-Bord Editorjali, il-*Formators* tas-Seminarju u s-Seminaristi jawguraw
*l-Għid it-Tajjeb*
lill-Qarrejja kollha, lill-Ħbieb u lill-Benefatturi tas-Seminarju.

# Mill-Għatba 'l Ġewwa...

Fi żmien il-vaganzi tal-Milied l-Isqof ħatar lil **Dun Richard Nazzareno Farrugia** bħala **Viċi Rettur** tas-Seminarju.

Il-Komunità kompliet iżżur parroċċi differenti għal **mumenti ta' adorazzjoni b'talb għal aktar vokazzjonijiet**: kienet preżenti fil-Munxar (14.01.16), fil-Qala (11.02.16) u fix-Xewkija (10.03.16).

Saru **tliet laqgħat ta' formazzjoni**: Dun Richard Nazzareno Farrugia ppreżenta l-*position paper* tal-Konferenza Episkopali Maltija dwar il-leġislazzjoni li tirregola l-prokreazzjoni umana assistita (06.01.16); is-Sur Andrew Azzopardi tkellem dwar il-*policy tal-ħarsien tat-tfal u l-adulti vulnerabbli* (17.02.16); u s-Sinjura Susan Farrugia ddiskutiet il-mażunerija (02.03.16).



Fl-okkażjoni tal-**Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara** l-Komunità ħadet sehem fil-laqgħa ekumenika fil-knisja ta' Santu Wistin (17.01.16).

Fl-aħħar ta' Jannar **ġie fi tmiemu l-ewwel semestru ta' studju** u għalhekk is-seminaristi kellhom l-eżamijiet (22.01.16). Wara l-eżamijiet, huma kellhom tlett ijiem ta' mistrieħ f'Malta. It-tieni semestru beda l-Ġimgħa 12 ta' Frar.



Fi Frar sar **seminar dwar it-taħdit pubbliku** f'Dar *Stella Maris*, iż-Żebbuġ (12-13.02.16), li tmexxa mis-Sur Victor Formosa.

Is-Seminaristi Michael Grima u Carl Scerri, u d-Djaknu Massimo Buttigieg ressqu **t-talba lill-Isqof Mario Grech għall-ordinazzjoni djakonali u presbiterali** rispettivament (18.02.16).



Joseph Hili mill-Parroċċa tax-Xagħra **rċieva l-ministeru tal-Lettorat** minn idejn l-Isqof Mario Grech fil-knisja arċipretali tal-Qala (21.02.16).

Il-Komunità ċċelebrat **it-30 anniversarju mid-Dedikazzjoni tal-kappella tas-Seminarju** permezz ta' Quddiesa (10.03.16).

Is-seminaristi **laqgħu lill-Komunità tas-Seminarju ta' Malta** fis-Seminarju għal mument flimkien (11.03.16).

**Fi żmien ir-Randan** ġew organizzati diversi attivitajiet biex il-Komunità setgħet tgħix b'mod sabiħ dan iż-żmien speċjali. Ta' min isemmi l-laqgħa vokazzjonali għall-istudenti tal-Forms 4 u 5 fis-Seminarju, il-Via Sagra fuq l-Għolja ta' Għammar, il-korrezzjoni fraterna u l-irtir fil-Ġimgħa Mqaddsa.



**Is-seminaristi ħarġu għall-btajjel tal-Għid** (23.03.16) u għandhom jirritornaw fis-Seminarju nhar it-Tnejn 4 ta' April 2016.

*Grazzi* **mill-qalb lil dawk kollha li kkontribwew fil-ġbir li sar b'riżq is-Seminarju fl-eżerċizzi tar-Randan.**

# M'aħniex imsejħa minn Alla biex nagħmlu affarijiet straordinarji...

Djaknu **Joseph Attard**

**Esperjenza ta' seba' xhur bħala Djaknu f'Bologna, l-Italja**

F'Ottubru tas-sena li għaddiet, erba' xhur wara l-ordinazzjoni djakonali tiegħi f'Ġunju 2015, tajt bidu għal esperjenza ġdida fil-ħajja tiegħi f'Bologna fl-Italja. Bdejt ngħix fil-komunità tal-*Arche*; kif ukoll, bdejt inservi bħala djaknu fil-parroċċa ta' San Michele Arcangelo fi Quarto Inferiore, li tinsab ftit minuti bogħod miċ-ċentru ta' Bologna.

Nistħajjel lil xi wħud minnkom isaqsu: X'inhi l-*Arche*? L-*Arche* hija komunità internazzjonali mwaqqfa minn Jean Vanier, Kanadiż. Din il-komunità internazzjonali tikkonsisti f'diversi komunitajiet żgħar imxerrda f'diversi pajjiżi. F'dawn il-komunitajiet, bħal din ta' Bologna, jgħixu flimkien persuni bi bżonnijiet speċjali, assistiti minn diversi persuni oħra. Għalkemm din mhix l-ewwel esperjenza tiegħi fl-*Arche* ta' Bologna, għaliex fl-2010 kont diġà għamilt esperjenza ta' kważi xahar, li tgħix fl-istess komunità għal aktar żmien hi xi ħaġa kompletament differenti. Bħala voluntier f'din il-komunità jien qiegħed flimkien ma' sitt żgħażagħ oħra; m'iniex waħdi, għaliex din l-istess komunità tal-*Arche* tilqa' fi ħdanha diversi żgħażagħ li għandhom xewqa li jwettqu ħidma ta' volontarjat fost dawk l-aktar bżonnjużi fis-soċjetà ta' żmienna.

Ftit ftit bdejt nifhem aktar illi li tgħix ma' persuni bi bżonnijiet speċjali, li kważi lejl u nhar għandhom bżonn l-għajnuna tiegħek, mhux biss mill-aspett fiżiku imma wkoll f'sostenn morali, hi xi ħaġa li tirrikjedi impenn. Fil-fatt, tul dawn l-aħħar xhur spiss kont niftakar fi frażi ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù li kont qrajt diversi snin ilu f'wieħed mill-kotba miktuba minn Jean Vanier stess, li kienet tgħid hekk: "Aħna m'aħniex imsejħa minn Alla biex nagħmlu affarijiet straordinarji, imma pjuttost li nagħmlu l-affarijiet ordinjari bi mħabba straordinarja".

Jien u nagħmel dan, għaraft dejjem aktar kemm hekk, mhux biss tbiddel il-ħajja ta' dawk in-nies li jkunu qegħdin jgħixu madwarek, imma wkoll tbiddel l-istess ħajja tiegħek. Dan l-aspett ħassejtu jwassal l-istess ordinazzjoni djakonali tiegħi għall-missjoni propja tagħha, dik li wara kollox tkun missjoni ta' qadi u servizz.

Flimkien ma' din l-esperjenza sabiħa fl-*Arche*, naqdi l-ministeru ta' djaknu fil-parroċċa ta' San Michele Arcangelo fi Quarto Inferiore. Hi parroċċa li tikkonsisti f'madwar elfejn ruħ bħala popolazzjoni, li hija waħda relattivament żgħira meta mqabbla mal-parroċċi tal-madwar, imma fl-istess ħin hi waħda attiva u ħajja. Naturalment sehmi fil-parroċċa mhuwiex biss marbut mal-amministrazzjoni tas-sagramenti u l-liturġija, imma wkoll mad-diversi gruppi fi ħdanha, l-aktar dawk taż-żgħażagħ, tal-adolexxenti u t-tfal. Inħoss li dawn kienu għalija esperjenza qawwija ta' Knisja ħajja u żagħżugħa, li f'qalbi żgur se nibqa' ngħożż tul is-snin.

Illum, waqt li qiegħed nikteb dawn il-ftit kelmiet, nagħraf kemm Alla għal darba oħra, tul dawn l-aħħar xhur fil-ministeru tiegħi, għoġbu jżejjinni b'esperjenzi sbieħ u qawwija. Dan hu li wara kollox jimbuttani aktar 'il quddiem biex inkompli nkun ta' servizz – allura djaknu –, għax nemmen li Alla fil-providenza tiegħu qiegħed jagħtini dejjem bil-ferm aktar minn dak li jien diġà tajtu u qiegħed nagħtih, kif wara kollox jgħidilna Ġesù nnifsu fl-Evanġelju skont San Luqa 6:38: "Agħtu, u jingħatalkom".



**Velja ta' Talb bi tħejjija għall-Ordinazzjonijiet**
nhar il-Ħamis 19 ta' Mejju 2016 fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù

**Ordinazzjoni Presbiterali**
nhar il-Ġimgħa 20 ta' Mejju 2016
minn Mons. Isqof Mario Grech fil-Katidral ta' Għawdex
*Dettalji oħra jingħataw aktar 'il quddiem.*

# X'inhi l-vokazzjoni tiegħek?

Promozzjoni Vokazzjonali

Il-vokazzjoni ta' kull persuna hija dik li tħobb.
Int maħluq biex taqsam l-imħabba ta' Alla mal-oħrajn, u din l-imħabba tiegħek tista' tiġi espressa fid-diversi sejħat li Alla jagħmel lil kull bniedem.

Sejħa hi esperjenza li tinvolvi tnejn:
Alla li jsejjaħ u int li twieġeb.
Din tista' tkun fil-ħajja presbiterali, fil-ħajja kkonsagrata, fil-ħajja miżżewġa jew fid-diversi sitwazzjonijiet differenti skont kif Alla jogħġbu jsejjaħlek.
Din l-imħabba dehret b'mod ċar fil-ħajja ta' Mother Teresa.



> "Ilkoll nistgħu nagħmlu affarijiet żgħar b'imħabba kbira!"
>
> *Mother Teresa*

Mother Teresa twieldet fis-26 ta' Awwissu 1910 fi Skopje, l-Albanija. Hi kienet l-iżgħar wild ta' Nikola u Drane Bojaxhiu u ġiet mgħammda bl-isem ta' Gonxha Agnes. Il-mewt f'daqqa ta' missierha, meta kellha madwar tmien snin, ħalliet lill-familja tagħha fi problemi finanzjarji kbar. Ommha rabbiet lil uliedha bi mħabba kbira u influwenzat ħafna l-karattru ta' bintha u tal-vokazzjoni tagħha.

Fl-età ta' tmintax, kellha xewqa li ssir missjunarja, għalhekk Gonxha ħalliet darha f'Settembru 1928 biex tissieħeb mas-Sorijiet ta' Loreto, fl-Irlanda. Hemm hi rċeviet l-isem ta' Sister Mary Teresa, għal Santa Thérèse ta' Lisieux. F'Diċembru hija telqet għall-Indja u waslet Calcutta fis-6 ta' Jannar 1929. Hi ġiet assenjata lill-komunità ta' Entally f'Calcutta u bdiet tgħallem lill-bniet fl-Iskola ta' Santa Marija. Fl-24 ta' Mejju 1937 għamlet il-Professjoni finali tagħha. Kienet magħrufa bħala persuna ta' talb u bħala persuna li tħobb b'mod profond lis-sorijiet sħabha u lill-istudenti tagħha.

Fl-10 ta' Settembru 1946, waqt li kienet fuq vjaġġ bil-ferrovija minn Calcutta għal Darjeeling, Mother Teresa rċeviet "ispirazzjoni". F'dik il-ġurnata hi għarfet l-għatx ta' Ġesù għall-imħabba u għall-erwieħ, xħin semgħetu jgħidilha: "Għandi l-għatx". Hekk tnisslet f'qalbha x-xewqa li taqta' dan l-għatx ta' Ġesù. Għaddew kważi sentejn ta' provi u dixxerniment, qabel ma fis-17 ta' Awwissu 1948, Mother Teresa rċeviet il-permess biex tibda l-missjoni tagħha mal-ifqar fost il-fqar.

Hija kienet tibda l-ġurnata f'komunjoni ma' Ġesù fl-Ewkaristija u mbagħad toħroġ fit-toroq. Hi u s-sorijiet li ngħaqdu magħha kienu jaqdu lil dawk li mhumiex mixtieqa, dawk mhux maħbuba u dawk li ħadd ma jagħti kashom. Hija kienet konvinta li "mhux ilkoll nistgħu nagħmlu affarijiet kbar. Iżda lkoll nistgħu nagħmlu affarijiet żgħar bi mħabba kbira".

Iktar ma beda jgħaddi ż-żmien, id-dinja bdiet tieħu ċertu interess fil-ħidma ta' Mother Teresa u dan wassal biex hi rebħet il-Premju Nobel għall-Paċi fl-1979. Matul l-aħħar snin ta' ħajjitha, minkejja l-problemi ta' saħħa dejjem aktar severi, Mother Teresa kompliet tmexxi s-Soċjetà tagħha u twieġeb għall-ħtiġijiet tal-foqra u tal-Knisja.

Mietet fil-5 ta' Settembru 1997. Ġiet iddikjarata Beata mill-Papa Ġwanni Pawlu II, fil-Vatikan, nhar id-19 ta' Ottubru 2003.

Navżawkom li se jsiru jiem ta' talb għall-vokazzjonijiet: 14 ta' April 2016 (fis-7.30pm, San Lawrenz) u 12 ta' Mejju 2016 (fis-7.25pm, iż-Żebbuġ). F'dawn il-ġranet, fil-ħin ta' filgħodu (bejn is-6.30am u l-4.00pm), Ġesù Sagramentat ikun espost fil-kappella tas-Seminarju.

Grazzi lilkom, il-benefatturi tagħna kollha, kemm dawk li tawna xi borża ta' studju u kemm dawk li tawna xi donazzjoni ċkejkna. Il-Mulej ipattilkom bil-mija fil-wieħed.

Bi tħejjija għall-Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet (il-Ħadd 17 ta' April 2016), is-seminaristi ħejjew sensiela ta' *features* li wieħed se jkun jista' jarahom fuq il-*Facebook Page* tas-Seminarju: *Sacred Heart Seminary – Gozo*.